KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 9/2021**

17 ta' Settembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fid-9:00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**9.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**9.1.1** Ma kienx hemm

**9.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**9.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 8 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**9.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop, il-minuti ġew approvati unanimament

**9.3** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**9.3.A** Is-Sur Sindku spjega għal darb'oħra din il-materja l-għaliex l-istess diskussjoni kienet ġiet diġa' ġiet diskussa fil-bidu ta' din il -legislatura li huwa nħatar Sindku u kien wera din ix-xewqa. Huwa spjega illi l-kunsill barra li jirrispondi lill-kunsill, wieħed jirrispondi wkoll lill-entitajiet differenti. Huwa saħaq illi wieħed irid jagħmel distinzzjoni f'dawk l-affarijiet meqjusa bħala ta' kunsill u jkunu qiegħedin isiru taħt il-kappa tal-kunsill u dak li kunsillier ikun qiegħed jagħmel personalment fi ħdan il-lokal.

Is-Sindku qal illi din hija kwistjoni ta' etika u mhux kwistjoni ta' elezzjoni jew voti, iżda tmur lil'hinn minn dan. Is-Sindku qal illi hu qatt ma waqqaf il-ħadd milli jorganizza attivita' fuq livell personali iżda etikament dan ma jistax juża t-titlu li għandu fi ħdan il-kunsill, jekk l-attivita' jew dak li qed isir ma jkunx taħt il-kappa tal-kunsill. Wieħed irid jissepara u jagħmel distinzjoni f'dak li jkun qed isir. Din hija purament kwistjoni ta' etika u xejn aktar. Is-Sindku qal illi din il-materja qed jagħmel enfażi fuqha b'element ta' ħbiberija l-għaliex f'ċerti ċirkustanzi qed jiġi daru mal-ħajt għal mistoqsijiet jew kummenti li xi nies jgħaddulu fuq sitwazzjonijiet li diġa' ġara fil- ġranet li għaddew. Huwa fid-dover tiegħu jiġbed l-attenzjoni fuq dak li mhux isir etikament tajjeb.

Is-Sinjura Maria Sultana kkumentat fuq email li ntbgħatet mis-Seg Eżek fuq il-kwistjoni ta' kif timxi s-seduta formali tal-Kunsill. Hija qalet illi hija wieġbet fuq din l-email b'sens tajjeb u li s-Sindku wieġibha lura. Hija ħadita personali l-għaliex huwa wieġeb b'għażiża Maria meta dik l-email intbgħatet oriġinarjament lill-kunsill kollu u mhux lilha biss. Is-Sinjura Sultana saħqet illi l-kunsill dejjem mexa fuq il-prassi tas-Sindki li kienu qed imexxu l-istess kunsill u mhux kuntrarju.

Għaddiet dan il-kumment għaliex ħaditha personali. Is-Sindku qal illi wieġeb 'Għażiża Maria', għaliex kienet hi li wieġbet u li kieku wieġeb ħaddieħor kien jikteb għażiż/a u l-isem ta' min wieġeb, għalhekk is-Sur Sindku iċċara li forsi min-naħa tas-Sinjura Sultana dan kien purament 'misunderstanding' u mhux għax l-email oriġinali kienet mibgħuta lilha personali xejn aktar jew inqas. Is-Sindku żied jgħid illi għandu kull dritt bħala Sindku jżomm ordni waqt laqgħat tal- kunsill bil-metodi li skond hu huma tajbin. Fil-fehma tiegħu qal illi qed jimxi iktar minn ġust mal-membri kollha tal-kunsill u jipprova jsib it-triq tan-nofs biex wieħed jiġi aġevolat pero' tajjeb li wieħed jiġbed l-attenzjoni fuq xi ħaġa li tista' tittranġa.

B Is-Sur Sindku flimkien mas-Seg Eżek preżentaw ir-risposta formali tal-'Management letter' lill-kunsill kollhu fejn l-istess kunsill approva din ir-risposta unanimament ser tkun qed tintbgħat lill-awtoritajiet ikkonċernati biex tiġi meqjusa illi awditjar tas-sena 2020 ikun finalizzat Din ir-risposta ġiet imħejjija flimkien mal-accountant tal-kunsill minħabba l-fatt illi l-financial statements jiġu wkoll preparati minnu flimkien mal-istess kunsill.

C Is-Sindku nforma l-kunsill illi fil-ġranet li għaddew kienu f'diskussjoni kontinwa mal-kuntrattur preżenti tal-ġbir tal-iskart u l-knis fil-lokal kif ukoll mal-accountant tal-istess kunsill biex isir ftehim bejn il-kunsill u l-kuntrattur stess biex wieħed jippjana kif ser jinqata' d-dejn li l-kunsill għandu miegħu. L-istess kuntrattur infurmana illi l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart wasal biex jiskadi lejn l-aħħar tas-sena 2021 u mhux beħsiebu jestendi għal sena li hemm aġevolata lejh fl-istess kuntratt ħabba raġunijiet personali u b'hekk is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek qiegħed jinforma formalment lill-kunsill illi ser ikun qed jinħatar il-bord bħal snin preċedenti biex jibda jaħdem fuq dan it-tender u jinħareġ mill-aktar fiss possibli biex ikun hemm kontinwita' ta' servizz fil-lokal minħabba illi ikun hemm każi illi tender bħal din ikollha kumplikazzjonijiet fosthom appelli li jtawlu ż-żmien sa ma wieħed jasal biex jagħti l-award lill-kuntrattur rebbieħ. Draft ta' dan it-tender ser ikun qed jiġi preżentat il-kunsill qabel jiġi ffinalizzat u maħruġ fuq is-sistema biex kulħadd ikollu ċ-ċans jagħti s-suġġerimenti tiegħu biex la darba jkunu validi jiġu inklużi fl-istess dokument mill-board maħtur. Il-kunsill qabel illi l-estenzzjoni ta' sena tal-kuntratt tal-knis jiġi estiż.
Li kieku l-kunsill jasal fi ftehim fuq il-pagamenti ta' dan il-kuntrattur il-kunsill ikun jista' jagħmel pjan aħjar għal affarijiet oħra u anke jidher aħjar fil-qada finanzjarja anke mal-awdituri u d-dipartiment tal-kunsilli stess.
Is-Sindku qal illi jinsab ferm inkwetat illi t-tender il-ġdid ma japplika għalih ħadd u hemmhekk ser ikun hemm dewmien fejn il-problema hija waħda kbira għaliex ma jistax ikun ma jinġabarx iż-żibel mill-lokal. Wieħed irid veru jaħseb f'kollox għal benefiċċju tar-residenti Kalkariżi.

d Is-Sur Sindku nforma formalment lill-Kunsill bit-tranżizzjoni tas-sit fejn fil-preżent qed topera bħala klinika biex jiddawwar it-titlu tagħha bħala 'owner ship' fuq il-Kura Primarja peress illi qed jamministraw il-bini huma u ħadd iktar inkluż il-

kontijiet tagħha. Dan il-'leasing agreement' huwa iktar vijabbli illi jsir fuqhom u ma tibqax tissejjaħ il-kunsill ħabba raġunijiet ovvji fosthom ħabba anke 'procurement procedures' meta fil-fatt id-devoluzzjoni ta' dan is-sid ġie mgħoddi l-kunsill bil-patt u l-kundizjoni li s-sit jiġi wżat bħala klinika u xejn aktar. Kien hemm żewġ kunsilliera illi qablu ieħor li ma qabilx u tnejn li astjenew. Fuq dan il-vot, peress li gejna f'dubju is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jistaqsi għal parir f'każ bħal dan x'jiġri biex timxi din il-kwistjoni.

e Is-Sindku nforma l-kunsill dwar talba formali li kien hemm min impjegat klerikali fejn huwa spjega biex tiġi rregolata l-paga ta' Deemer Bilocca wara li ġibed l-attenzjoni lill- accountant u kien hemm konferma illi l-iżball kien ilu jsir mis-sena 2016 u jrid jiġi irektifikat. Fl-istess ħin il-kunsill qabel illi la darba hemm lwog, tingħatalu skala aħjar milli għandu u l-kunsill qabel unanimament li jsir dan.

F Is-Sindku nforma l-kunsill dwar it-tweħħil u l-investiment ta' 'charging pillars'. Nota żgħira biex il-kunsill ikun jaf illi fi Triq il-Kapuċċini beda x-xogħol tat-tweħħil ta' 'charging pillar' ġdid fejn il-kunsill ma ħareġ l-ebda flus għaliha imma qed isir direttament minn Ministeru tal-Enerġija.

G Is-Sindku informa l-kunsill illi fiż-żmien li ġej ser tiġi ppublikata d-dokument biex wieħed ikun jista' jinnomina lill-individwi skond ir-regoli ma din listess aplikkazjoni biex jigi magħżul min ser ikun ser jiehu unur / gieh il kalkara 2021.is sindku qal illi fi zmien li gej ser ikun qed jati rendikont ta xijkun qed jigri fl-organizzazzjoni ta' din l-istess serata. Data 10 ta' Diċembru 2021 , is-Sindku talab illi din id-data tiġi mblukkata minn impenji oħra minn kulħadd biex ikun hemm il-kunsill kollu preżenti. Diġa' hemm loġistika għaddejja u ser ikun qed jingħat biss Ġieħ il-Kalkara l-għola l-unur fil-lokal bħal ma qed jiġri sa mill-bidu ta' din il-leġislatura. Is-Sindku ssuġġerixxa illi jinbidlu ftit ir-regolamenti jew tiżdied klawżola illi min ħa r-rikonoxximent jew unur ieħor (mhux ġieh il-Kalkara) xorta jkollu ċ-ċans li jieħu t-titlu ta' l-għola titlu li huwa Ġieħ il-Kalkara la darba t-titlu ma jkunx ħadu qabel. Il-kunsill qabel unanimament illi din l-emenda għandha ssir.

H Korrespondenza

1. Skema finanzjarjament Milied 2021. Il-kunsill qabel unanimament illi l-kunsill tal-Kalkara għandu japplika għal avveniment għal benefiċċju tal-Kalkariżi għal ħabta tal-Milied. L-organizzazzjoni għandha tkun abbażi ta' suġġerimenti stess tal-kunsilliera biex la darba wieħed ikun jista' jaġevola r-rikjesti, wieħed jaħseb l-aħjar mod possibli l-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment bl-għajnuna ta' din l-iskema.

   2 Is-Seg Eżek informat il-kunsill formalment li intbgħatulhom dokumenti b''soft copy' aktar kmieni minn din is-seduta kif ukoll għandhom 'hard copy' waqt il-laqgħa biex wieħed jibda jifhem kif ħa ssir l-elezzjoni tar-Reġjun kif ukoll tal-assoċjazzjoni. Is-Seg Eżek qalet illi ser tkun qed ittihom aktar dettalji la darba hi jkollha dettalji f'idejha formali.

I Ma kien hemm xejn

**9.4 1(8.3 A)** Is-Sindku nforma l-kunsill illi l-Perit għamel oġġezzjoni formali hekk kif kien mitlub mill-kunsill fuq l-iżvilupp ta' Santu Rokku.

9.4 2 Is-Sindku talab il-kunsill biex jintbgħatulu r-ritratti li jriduh juri biex jittellaw id-dekasteri tagħhom fuq facebook fuq rikjesta tas-Sur Vince Bongailas

9.43 Is-Sindku informa l-kunsil illi l-latrina tax-Xatt tinsab magħluqa 'for good' anke minħabba illi fiż-żmien qasir iż-żona ser jibda x-xogħol ta' riġenerazzjoni kif ukoll wara illi kien qed jinsteraq l-ilma sfaċċatament mill-latrina dan ukoll jinkludi vandaliżmu sfrenat ta' affarijiet oħra illi kuljum wieħed jaffaċċja.

9.4 a Ma kienx hemm

9.5i Is-Sinjura Chircop saħqet illi hemm bżonn illi l-kunsill jaħseb għal żieda ta' parkeġġ fil-Kalkara speċjalment la darba infetħu restoranti ġodda u fl-eventwalita' ta' aktar restoranti jew stabbilimenti li jinfetħu f'lokal żgħir mimli b'daqshekk residenti. Irċeviet ilmenti mingħand residenti biex isiru parkeġġi għar-residenti jew bl-arloġġ. Is-Sindku qal illi 'residiential parking' mgħadux joħroġ permessi bħal dawn bħal ma forsi ġew approvati f'lokalitajiet oħra pero' qal illi ser jiċċekja fuq din il-kwistjoni mal-awtorita' kkonċernata.

9.5 ii Is-Sur Bruno qal illi din il-mistoqsija ġiet diskussa f'punt preċedenti waqt din is-seduta.

9.5a Is-Sur Vince Bongailas informa l-kunsill u invita l-membri kollha formalment għal attivita' b'titlu ta' 'Tberik tal-Annimali 2021' li ser issir nhar il-Ħadd 3 ta' Ottubru 2021 fit-8:30 ta' filgħodu fuq iz-zuntier tal-knisja. Huwa talab il-kunsill xi affarijiet ta' 'props' biex jużahom waqt din l-attivita' kif ukoll ħaddiem mill-kunsill biex jgħinu fl-armar u żżarmar ta' din l-istess attivita'. Il-kunsill jagħti ilma għal membri preżenti mill-fond mgħoddi lilu ta' €700 kif ġie maqbul mill-maġġoranza tal-kunsill f'seduti preċedenti.
Is-Sindku talab informazzjoni kollha tal-attivita' biex ikun jista' jagħmel naqa poster fuq il-facebook page tal-kunsill.

9.5b Is-Sinjura Sultana tkellmet dwar is-sezzjoniiet ta' qari li qed isiru mill-kunsill li intlaqgħu tajjeb ħafna. Ukoll saret laqgħa fejn ġie diskuss programm żgħir għax Xitwa fi ħdan il-librerija tal-kunsill. Is-sezzjonijiet ser jibdew ikunu fl-aħħar Sibt tax-

xahar. 23 ta' April hija Jum il-Ktieb u 23 ta' Mejju ser ikun Jum il-librerija u hija d-data ta' meta twieled Patri Wistin Born li l-librerija tal-Kalkara hija msemmiha għalih . Ser ukoll issir speċi ta' 'book fair' biex inressqu aktar nies lejn il-librerija. Ukoll maħsubin attivitajiet għal Jum il-Kalkara li jinkludu 10, 11 u 12 DIċembru

9.5c 1 Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi fil-5 ta' Diċembru ser isiru wirja ta' talenti hekk kif kien ġie diskuss aktar kmieni f'seduti preċedenti. Hija diġa' qed tipprova tikkordina mall-kapplian peress li ħafna artisti li ser jieħdu sehem issuġġerew li jsir ġewwa minħabba raġuni ta' maltemp.

9.5 c2 Is-Sinjura Chircop qed torganizza attivita' għal Settembru/ Ottubru u qed tipprepara għal ħarġa kulturali 26 ta' Settembru għal Għawdex. Ħarġiet kulturali oħra qed jiġu organizzati għal irġiel fix-xhur li ġejjin, aktar informazzjoni ser tkun qed tingħata l-kunsill kif ikollha d-dettalji kkonfermati bħas-soltu.

9.5c3 Is-Sinjura Chircop talbet illi l-kors tal-bizilla jsir fl-IT Centre. Is-Sindku qal illi dan is-sit huwa mpossibli għaliex huwa jintuża bħala store. Is-Sinjura Chircop qalet illi forsi ssib arranġament forsi mal-madam tal-iskola biex tagħtija sagħtejn forsi f'xi klassi vojta li jista' jkollha minħabba spazju u minħabba raġunijiet ta' saħħa visavi l-Covid.

9.5 d Ma kellu xejn fuq xiex jgħaddi kumment

**9.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**9.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**9.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 9.20

**9.7 Mozzjonijiet**

9.7.1 Ma kienx hemm

**9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

9.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:45 am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-13 ta Ottobru 2021 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv